MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2012

Numru. 852/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**KONTRA**

**DANIEL CUTAJAR ta' 21 sena, iben Chris Borg Cardona u Daniela nee' Cutajar, imwieled Tal-Pieta' nhar l-24 ta' Awwissu, 1990, residenti fil-fond Astra, Flat 6, Triq l-Isqof ES Caruana, Msida, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 422290M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Daniel Cutajar** li gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl tal-15 u s-16 ta' Mejju, 2008, minn gewwa l-Lukanda San Antonio, li tinsab fi Triq it-Turisti, Bugibba,

flimkien ma’ persuni ohra, ikkommetta serq ta’ oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, meta l-valur tal-haga misruqa huwa inqas minn elfejn tlieta mija u disgha u ghoxrin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, u bil-hin, u dan ghad-detriment ta’ Henrik Ingemar Ekman u Inger Kristina Larsson Ekman mill-Isvezja.

Rat li ma’ l-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat anke li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, ezebit il-kunsens ta’ l-Avukat Generali.

Rat ix-xhieda kollha saljenti.

Xehed William Merchant fir-rigward tas-serqa minn Sundown Court. Qal illi Luke ha mieghu wiehed Daniel li ma kienx jafu hafna, cioe’ l-imputat. Qal illi l-ewwel marru l-Maghtab jaraw iz-ziemel tieghu, minn hemm marru Bugibba. Xehed illi Luke stennihom ‘il boghod u “dak”, b’referenza ghall-imputat (folio 44) dahal go kamra ta’ lukanda li kellha l-kmamar isfel. Xehed illi rah jaghmel dan. Hareg lura bl-affarijiet, basket u arlogg. Spjega li biex dahal qabez mill-gallarija u dahal fil-kamra tas-sodda ta’ isfel. Xehed illi meta Daniel hareg bl-affarijiet, nizlu l-Gharghur. Luke ha l-arlogg, Daniel ha l-flus u hu ha l-mobile. Spjega li l-arlogg kien Omega. Ammetta li hu dan l-arlogg kien bieghu.

Ammetta b’hafna titubanzi li fil-fatt hu kien seraq ukoll (folio 53). Irrizulta wkoll illi hu gimgha qabel kien anke ammetta ghal akkuzi ta’ serq.

Dwar is-serqa spjega li hu ma riedx jidhol biex jisraq, mar biss ghaliex Daniel ma riedx jidhol wahdu. Qal illi hu mar hemm u qaghad hdejn il-gallarija, qaghad jistennieh ghax skondtu Daniel beda jibza’ jidhol wahdu. Ammetta wkoll illi gimgha qabel hu kien ammetta quddiem din il-Qorti diversament preseduta s-serqa ta’ l-Omega.

Luke Tanti li wkoll kellu l-kawza tieghu li ghaddiet in gudikat, xehed illi hu kien ma’ certu Daniel Cutajar li gharaf bhala l-imputat fl-Awla. Qal illi lilu kien cempillu William Merchant li talbu biex imorru Bugibba, qal illi kellhom imorru jduru l-lukandi biex jaraw fejn kienu ser jidhlu jisirqu. Qal illi kienu hu, William u Daniel. Xehed illi kienu William u Daniel li dahlu, gew lura fil-karozza b’zewg basktijiet. Qal illi hu l-unika haga li ha mis-serqa kien il-basket. Xehed illi skondtu Daniel ha €100, William ha €100 ohra u l-arlogg u l-mobile.
Ammetta kif qal ukoll William Merchant, li kellu jaghti flus lil dan Merchant u hekk huma skwerjaw.

In kontro ezami qal illi lil Daniel kien ilu jafu tlitt snin, meta beda jahdem il-Westin Dragonara. Qal ukoll illi dakinhar tal-Qawra (l-incident in ezami) kien l-ewwel darba li Daniel u Merchant iltaqghu flimkien.

Xehdet ukoll Jessica Ellul. Xehdet illi hi u Luke marru Bugibba u hemm iltaqghu, anzi ghaddew ghal William u marru ghal Daniel. Xehdet illi marru jisirqu minn kmamar ta’ lukanda. Kien Luke li kien qieghed isuq. Qalet illi William u Daniel hargu minn gol-karozza u bdew mexjin, kienu mexjin lejn it-triq tal-lukanda. Rathom wara ftit hin gejjin lura, kellhom xi basktijiet f’idejhom. Qalet illi mbaghad marru lejn il-bidu tal-Gharghur biex jaqsmu l-affarijiet. Rathom jarmu l-cards li kien hemm fil-wallet, rathom jaqsmu l-flus, anzi qalet illi qasmuhom it-tlieta bejniethom.

Xehed minn jeddu l-imputat Daniel Cutajar. Qal illi hu fuq dak li kien akkuzat, ma kienx hemm, pero ma setax jghid fejn kien dakinhar, pero nnega li hu kellu x’jaqsam ma’ l-akkuza.

Id-Difiza ghazlet hawn li tuza l-istess stqarrija rilaxxata mill-akkuzat fis-sena 2008. Fl-ewwel stqarrija a folio 32 qal illi William Merchant u Luke Tanti kienu qalu dak li qalu forsi ghax kellhom ghalih.  Qal illi Luke kellu ghalih ghax kien ghamillu cajta (forsi); minn naha ta’ William ma kienx jaf (ghaliex qal hekk fuqu).

Fit-tieni stqarrija baqa' jinnega anke l-presenza tieghu go Bugibba. Innega li hu ha xi haga, anzi qal illi dan kien zgur mija fil-mija. Mistoqsi jekk kienx gie msemmi in konnessjoni mas-serqa, wiegeb illi dak huma kienu jafuh. Innega wkoll illi hu kien mar ma' Luke Tanti bil-karozza u li anke ghaddew ghal William (Merchant) id-dar tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi certament ix-xhieda ta' ko-akkuzat u/jew komplici, kif ahna mghallmin trid tittiehed (meta ammissibbli) b'hafna kawtela, dan ghal ragunijiet ovvji ta' nteress personali. Issa kif ben jirrizulta, Merchant u Tanti certament ukoll involuti fil-kaz in dezamina, ghandhom il-kawzi taghhom li t-tnejn ghaddew in gudikat. Allura hawn titnaqqas il-biza' ta' "blame shifting", cioe' ta' tfarfir ta' responsabbilta'. Xehdet ukoll xhud li kienet estraneju Jessica Ellul li poggiet lill-imputat ben sew fl-istampa, flimkien ma' Merchant u Tanti, rathom johorgu bil-basktijiet bl-affarijiet u anke jaqsmu l-flus.

Ftit izjed ghandha xi tghid din il-Qorti, hlif li ssib lil Daniel Cutajar hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 278, 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat il-fedina penali tieghu, u qieghda tikkudannah, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal piena ta' sena(1) habs sospiza ghal sentejn(2).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------